MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 453/2006

**Maltacom p.l.c. (C-22334)
vs
Rita Bonnici (ID-114766M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Mejju, 2006, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbgha u disghin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm294.24), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefoniku bin-numru 2144 9138 skond kif jirrizulta mid-dokumenti markati Dok.A u B annessi mal-avviz.**
**Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fid-9 ta' Gunju, 2006 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant peress illi it-talba tirrizulta pruvata it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u disghin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm294.24) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-18 ta' Mejju, 2006, u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------